MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 370/2005

Malta Industrial Parks Limited (C 28965)
vs
Euromec Group Limited (C 22737)

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi s-socjeta` Euromec Group Limited, nhar it-12 ta' Lulju 2001 kienet ipprezentat ***business proposal*** lill-IPSE Limited fejn talbet ghajnuna mill-istess IPSE Limited u konsegwentement mill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta sabiex twettaq progett ta' natura industrijali f'Malta;

Peress illi b'***letter of intent*** datata 8 ta' Gunju 2001, (Dok. A) l-imsemmija Korporazzjoni infurmat lis-socjeta` konvenuta illi hi kienet qieghda tilqa' t-talba ghall-ghajnuna sabiex isir dan il-progett f'Malta u ppromettiet li tikri l-fabbrika numru RL19A fil-Qasam Industrijali ta'

Ricasoli fil-Kalkara, ta' kejl superficjali ta' elf seba' mija u tmienja u sebghin metru kwadru (1778m2) bir-rata annwa ta' lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1.75) ghal kull metru kwadru ghall-ewwel tliet snin u bir-rata annwa ta' erba' liri (Lm4) ghal kull metru kwadru ghar-rimanenti perjodu ta' tlettax-il sena;

Peress illi s-socjeta` konventua kienet accettat dak li kien kontenut fl-imsemmija ***letter of intent*** billi nhar il-11 ta' Novembru 2001 kienet issottoskriviet ghal din il-***letter of intent***;

Peress illi minkejja li ma kienx sar bejn il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta u s-socjeta` konvenuta kuntratt tal-kera sabiex jirrifletti dak li kien miftiehem fil-***letter of intent*** is-socjeta` konvenuta kienet dahlet fl-okkupazzjoni tal-fabbrika msemmija;

Peress illi ***ai termini*** ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Kap. 169) kif emendata bl-Att III ta' l-2004, kull jedd jew obbligu li kien jispetta lill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta ghandu jvesti f'dik l-awtorita` li ghandu jsemmi l-ministru responsabbli bhala l-awtorita` minflok l-imsemmija Korporazzjoni;

Peress illi permezz ta' l-Avviz Legali 360 ta' l-2004, il-Ministru kien semma' lis-socjeta` attrici bhala l-awtorita` kompetenti u permezz ta' l-Avviz Legali 361 ta' l-2004 kien ghadda lis-socjeta` attrici bhala l-awtorita` kompetenti, l-amministrazzjoni ta' diversi artijiet, fosthom l-art li fuqha tinsab mibnija l-fabbrika li giet koncessa lis-socjeta` konvenuta;

Peress illi ghalhekk is-socjeta` attrici kienet assumiet l-obbligi u l-jeddijiet kollha li kieku kienu jispettaw lill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta ghall-fabbrika msemmija;

Peress illi s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' sitt elef mija u tliet liri u sitta u hamsin centezmu (Lm6103.56) liema ammont jirraprezenta arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika

msemmija skond kif miftiehem fil-***letter of intent*** li kienet giet mibghuta mill-awturi ta' l-istanti lis-socjeta` konvenuta li accettat, liema ammont jirraprezenta l-kumpens dovut sat-30 ta' Settembru 2004 u dan skond kif muri fil-prospettipprezentat mac-citazzjoni u mmarkat "Dok. B" li jirreferi ghall-perjodu meta l-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta kienet responsabbli mill-fond ***de quo*** u minn prospett iehor ipprezentat mac-citazzjoni u mmarkat "Dok. C" li jirreferi ghall-perjodu meta l-istanti kienet giet responsabbli minflok l-imsemmija Korporazzjoni sa tmiem Settembru 2004;

Peress illi minkejja li kienet giet interpellata diversi drabi sabiex thallas is-socjeta` konvenuta baqghet inadmepjenti;

Peress illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ghemil ta' xi att u li s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Peress illi sabiex tikkawtela l-jeddijiet taghha s-socjeta` attrici kienet ipprezentat rikors sabiex jinhareg mandat ta' qbid kontra s-socjeta` konvenuta;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm6103.56;

Bl-imghax mill-1 ta' Lulju 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament, u b'rizerva ghal kull ammont iehor li jista' jkun dovut minn Ottubru 2004 'il quddiem u bl-ispejjez inkluz tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju numru , kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat in-nota ta’ ammissjoni tas-socjeta` Euromec Group Limited prezentata fil-25 ta’ Mejju, 2005.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Gunju 2005 giet infurmata li l-abbozz tal-ftehim bejn il-partijiet hu preparat u li ghalhekk hi setghet tghaddi ghas-sentenza a bazi tal-ammissjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` attrici tidher gustifikata, u fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-art. 167 ***et seq*** tal-Kap. 12 u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef, mija u tliet Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm6103.56) bl-imghax mill-1 ta’ Lulju 2004 sad-data tal-effettiv pagament u b’rizerva ghal kull ammont iehor li jista’ jkun dovut minn Ottubru 2004 ‘il quddiem u bl-ispejjez inkluz tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------